# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(President)**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 14 ta' Marzu 2019**

**Numru 4**

**Rikors numru 104/16 RGM**

**Martin Anthony Wyson**

**v.**

**Melanie Wyson Laus u b'digriet datat 24 ta' Novembru 2017 isem il-konvenuta ghandu jaqra Melanie Laus**

Preliminari

1. Dan hu appell maghmul mill-attur minn sentenza [is-sentenza appellata] moghtija fis-6 ta' Dicembru 2017 mill-Qorti Civili [Sezzjoni Familja] li permezz taghha dik il-Qorti cahdet it-talbiet tal-attur ghar-riduzzjoni fl-ammont tal-manteniment dovut minnu lill-konvenuta, pattwit bejn il-partijiet f'kuntratt ta' separazzjoni personali ppubblikat fis-27 ta'

Mejju 2013 fl-atti tan-Nutar Dottor Patricia Mallia; bl-ispejjez kontra l-istess attur.

Il-Fatti

2. Il-fatti relevanti ghal dan l-appell huma dawn. Permezz tal-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni konsenswali l-partijiet ftehmu, *inter alia*, li l-attur ihallas kull erba' gimghat lill-konvenuta martu s-somma ta' €300 bhala manteniment ghaliha u somma ulterjuri ta' €350, bhala manteniment ghat-tifla minuri li llum ghandha 13-il sena. Dak iz-zmien li sar il-kuntratt fis-sena 2013 l-attur li jahdem bhala surgent mal-korp tal-pulizija kellu salarju nett ta' €23,463.96, li jinkludi is-sighat twal li kien jaghmel bhala sahra peress li kien stazzjonat fejn ir-residenza ta' Richad Cachia Caruana; fis-sena 2014 kellu dhul nett ta' €13,174.81; fis-sena 2015 kellu dhul nett ta' €13,075.42 u fis-sena 2016 kellu dhul nett ta' €15,952.89.

3. L-attur qed isejjes l-azzjoni tieghu fuq il-klawsola tal-kuntratt tas-separazzjoni li fil-parti relevanti taghha taqra hekk:

> "Il-partijiet jaqblu u jiddikjaraw illi l-manteniment hekk stabbilit bis-sahha ta' dan l-Artikolu [6] ma jkunx rivedibbli hlief fuq ordni tal-qorti kompetenti f'kaz ta' bdil fic-cirkostanzi u l-mezzi tar-Ragel. Il-manteniment ghall-Mara ghandu jibqa' dovut anke f'kaz li l-Mara issib impjieg fuq bazi part-time. Dan il-manteniment ghall-Mara ghandu jieqaf f'kaz illi l-Mara tghaddi ghal zwieg iehor ……….".

4. Il-partijiet ftiehmu wkoll li, filwaqt li l-manteniment ghat-tifla, indikat fil-kuntratt jinkludi fih l-ispejjez edukattivi u medici ordinarji, l-ispejjez straordinarji, kemm dawk medici kif ukoll dawk edukattivi li ma jkunux koperti mill-Istat [bla hlas], jithallsu nofs kull wiehed.

## Is-Sentenza Appellata

5. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "**L-attur, Martin Anthony Wyson,** fl-affidavit tieghu mahluf fis-7 ta' Lulju 2016,[1] iddikjara li zzewweg lil konvenuta, Melanie Laus fl-20 ta' Gunju 2010. Qabel iz-zwieg kellhom tifla, Maisie, li twieldet fil-15 ta' Dicembru 2004.
>
> "B'digriet ta' din il-Qorti tal-20 ta' Mejju 2013, Numru 275/2013 gew awtorizzati jidhru fuq kuntratt ta' separazzjoni personali, li gie ppubblikat min-Nutar Dottor Patrizia Mallia fis-27 ta' Mejju 2013.
>
> "Skond l-artikolu 6 tal-istess kuntratt l-attur obbliga ruhhu li jhallas manteniment lil konvenuta martu s-somma ta' €300 u lit-tifla Maisie l-ammont ta' €350 kull erba' gimghat, liema ammont jinkludi spejjez edukattivi u medici ordinarji tat-tifla.
>
> "Huma qablu li l-manteniment pattwit ma jkunx revedibbli hlief b'ordni tal-Qorti kompetenti f'kaz ta' bdil fic-cirkostanzi u l-mezzi finanzjarji tieghu.
>
> "Hu ddikjara li billi l-introjtu tieghu naqas drastikament ma ghadux jiflah ihallas dan l-ammont ta' manteniment. Hu specifika li fis-sena 2013 kellu salarju ta' €28,466 fis-sena; fis-sena 2014 kellu salarju ta' €15,549. Fis-sena 2015 l-introjtu tieghu kompla jitnaqqas.
>
> "Dan it-tnaqqis drastiku kien dovut ghall-fatt li fis-snin li ghaddew hu kien jahdem bhala Security Officer ma' Richard Cachia Caruana, kien jahdem sieghat twal, kien jithallas ammonti addizzjonali b'rata l-aktar gholja, u kien jircevi allowances specjali.

[1] Fol 17.

"Fil-bidu tas-sena 2014 gie trasferit fl-Ghassa tal-Pulizija il-Belt Valletta u tilef il-beneficcji u allowances kollha li kellu, u tilef l-opportunita' li jghamel xi sahra.

In oltre, bejn is-sena 2014 u t-2015 ghamel intervent kirurgiku u ghalhekk kien prekluz milli jahdem ghal diversi gimghat. Hu ddikjara li hadd ghandu problemi medici u fil-futur ser ikollu jaghmel intervent iehor.

"Irrifera ghall-artikolu 6 tal-kuntratt ta' separazzjoni u ddikjara li huma kienu hasbu f'din l-eventwalita' billi fil-Korp tal-Pulizija ma hemm xejn cert u qablu li jekk ic-cikostanzi jinbidlu hu jkollu d-dritt li jitlob lill-Qorti ghar-revizjoni tal-kuntratt.

"Jghid li dan it-tnaqqis drastiku fis-salarju ma kienx tort tieghu u l-anqas fil-kontroll tieghu u ghalhekk ma kienx ekwu u gust li hu jibqa' jhallas manteniment ta' €650 kull erba' gimghat meta il-paga tieghu net kienet biss ta' €950. In oltre il-kundizzjoni medika tieghu prezenti, li ma setax joqghod fuq saqajh ghal hinijiet twal, kienet tipprekludieh milli jahdem part time job, kieku dan kien possibbli mal-Korp tal-Pulizija, li ma kienx, jew li jahdem sieghat zejda.

"Iddikjara li jigri x'jigri hu ser jibqa' jaghmel tajjeb ghat-tifla pero' qed jitlob li fir-rigward tal-konvenuta martu, il-manteniment ghandu jispicca billi hi tista' tahdem u tipprovdi ghaliha nnifisha.

"Hu jikkonkludi li fic-cirkostanzi jezistu ragunijiet partikolari li jiggustifikaw revizjoni tal-klawsola 6 tal-kuntratt ta' separazzjoni, li tittratta dwar il-manteniment.

"**Simon Agius, ghall-Kummissarju tal-Pulizija,** xehed quddiem il-Qorti fis-seduta tal-24 ta' Jannar 2017.[2] Iddikjara li jokkupa l-kariga ta' Principal tas-salarji tal-Pulizija u pprezenta dokumenti dwar l-introjtu tal-attur ghall-perjodu mill-2006 sal-2010. Hu pprezenta l-Payroll Data History tal-attur, kif ukoll kopja tal-FS3's.

"Xehed li jinghata istruzzjonijiet mill-Human Resources Section dwar 'sick leave'. Transfers ma humiex fir-responsabilita' tieghu pero' il-Maggur tal-HR infurmah bil-postings tal-attur.

"Mistoqsi dwar is-salary scale ta' Surgent tal-Pulizija hu rrisponda li din il-karika hi Salary Scale 11 fil-Government pay scales.

"Mid-dokumenti minnu pprezentati, partikolarment il-Payroll Data History, jirrizulta li d-dhul **net** tal-attur fis-snin segwenti kien kif gej:

"Fis-sena 2016, - €15,952,89.[3]

---

[2] Fol 44 et seq.
[3] Fol 50.

"Fis-sena 2015, - €13,075.42.[4]
"Fis-sena 2014, - €13,174.81.[5]
"Fis-sena 2013, - €23,463.96.[6]
"Fis-sena 2012, - €23,719.12.[7]
"Fis-sena 2011, - €19,714.47.[8]

"Mill-FS3's ipprezentati jirrizulta s-sgwenti:

"Fis-sena 2015, l-attur kellu 'total gross emoluments' fl-ammont ta' €15,655.19.[9]
"Fis-sena 2014, l-attur kellu 'total gross emoluments' fl-ammont ta'€15,549.13.[10]
"Fis-sena 2013, l-attur kellu 'total gross emoluments' fl-ammont ta'€28,466.84.[11]
"Fis-sena 2012, l-attur kellu 'total gross emoluments' fl-ammont ta'€28,806.67.[12]
"Fis-sena 2011, l-attur kellu 'total gross emoluments' fl-ammont ta'€25,828.67.[13]

"**Il-konvenuta, Melanie Laus,** fl-affidavit taghha, mahluf fl-1 ta' Marzu 2017,[14] iddikjarat li hi u l-attur kienu ilhom f'relazzjoni ghal xi ghaxar snin qabel izzewgu fit-2010. Iltaqghu fit-2000 meta l-attur kien kuntistabbli fil-Pulizija u ghall-habta tat-2004 meta twieldet it-tifla, lahaq Surgent. Kien ghamel xi ezamijiet biex lahaq u kien baqa' jaghmel l-istess xoghol li kien jaghmel qabel cioe' Security Officer ma' Richard Cachia Caruana, xoghol li kien jirrikjedi hafna overtime.

"Hi tghid li fiz-zmien meta kienu qed jisseparaw, l-attur kien gia' jaf li kien ser jigi trasferit mis-Special Branch minnhabba r-rizultat tal-elezzjoni ta' Marzu 2013.

"Hi tghid li kienet kostretta tissepara billi kienet taqbdu jigdeb ripetutament, kien jiltaqa' ma' nisa ohrajn u jiccattja fuq l-internet. Hu kien jghidilha li ser jinbidel izda hu baqa' ma nbidilx u fi Frar 2013 qabditu jiccattja ma' tfajla zghira fl-eta' u ddecidiet li ma setghatx tkompli b'dik l-hajja. Isseparaw minhabba l-infedelta' kontinwa tieghu u kien wieghdha li kien ser jkompli jmantniha billi hi kienet mara tad-dar u qatt ma hadmet biex tiehu hsieb id-dar u l-familja. Ftehmu li jhallasha €300 manteniment ghaliha u €350 ghat-tifla kull erba' gimghat. Hu jhallas ukoll nofs l-ispejjez tal-uniformijiet tal-iskola tat-tifla.

[4] Fol 51.
[5] Fol 53.
[6] Fol 55.
[7] Fol 57.
[8] Fol 59.
[9] Fol 52.
[10] Fol 54.
[11] Fol 56.
[12] Fol 58.
[13] Fol 60.
[14] Fol 66.

"L-attur kien jahdem shift ta' night/afternoon/morning/off. Hi tghid li hadem overtime anke wara li beda jahdem fl-Ghassa tal-Belt, tant li kien hemm okkazzjonijiet meta ma marx ghat-tifla ghax kellu l-overtime.

"Fil-granet meta jkun off jiehu lit-tifla ghal xi saghtejn fis-6.00pm. Fil-weekend torqod ghandu skond kif jinzerta xoghol. Waqt li kien hawn is-summit u d-delegati mill-Ewropa hu kien jkun xoghol kuljum u darbtejn ghamel gimgha shiha ma marx ghat-tifla billi kien qed jahdem overtime.

"Hi tghid li l-attur dejjem kellu xoghol part-time, u billi kien jahdem darba iva u darba le, kien jahdem part-time fil-granet li jkun 'off'. Hu kien jahdem ma' kumpanija Transmed Resources Development Limited li kienet ta' missieru bi shab ma' xi nies mill-Libja. Ghall-ewwel kellhom l-ufficju tas-Sliema u wara marru Ta' Xbiex. Sakemm kienu mizzewgin hu kien jaghmel xoghol tal-ufficju, ma tafx jekk baqax jaghmel dan ix-xoghol wara li sseparaw.

"Iddikjarat li ma tahdimx, pero' tnaddaf il-komun tal-blokk appartamenti fejn tirrisjedi. Hi tghid li skond il-kuntratt hi tista' tahdem part-time u tibqa' tircievi l-manteniment.

"Hi taf li l-attur ghamel operazzjoni f'irkoptu fil-bidu tas-sena 2013 u li ghamel xi zmien li ma dahalx ghax-xoghol, pero' ma tafx li ghandu xi problemi ohra medici jew li ma jistax jahdem. Sa fejn taf hi jidhol ghax-xoghol normali u jahdem l-overtime. Anke fis-sena 2014, meta kellu l-operazzjoni u naqqsulu mill-paga billi ghal xi zmien ma dahalx ghax-xoghol, baqa' jhallas l-manteniment kif miftiehem. Qatt ma qalilha li ma setax ihallasha l-manteniment, in fatti hallasha regolarment ghal kwazi tlett snin. L-ewwel darba li saret taf li ried inaqqas il-manteniment kien f'Marzu 2016 meta b'rikors talab li jnaqqas il-manteniment taghha.

"Hi tghid li ma tifhimx kif l-attur qed jghid li ma jiflahx jkompli jhallas il-manteniment, meta qabel ma iffirmaw il-kuntratt kien digja' jaf li ma kienx ser jibqa' jahdem ta' Security Officer. Hu baqa' jahdem ta' Surgent tal-Pulizija u baqa' jonfoq il-flus anzi aktar minn qabel. Hu siefer diversi drabi wara li sseparaw; fis-Sajf tat-2014 mar il-Kanada ghat-tieg tal-kugina tieghu fejn dam gimaghtejn, fi Frar 2016 mar hames tijiem Parigi ma' Lorraine, il-girl friend tieghu, fis-Sajf tat-2015 mar ghaxar tijiem Spanja mat-tifla u fis-Sajf tat-2016 mar holiday mat-tifla l-Amerika u l-Kanada fejn damu xahar.

"Hi tghid li meta ipprezenta r-rikors f'Marzu 2016 kien talab li jnaqqas il-manteniment taghha biss, mentri b'din il-kawza qed jitlob li jnaqqas il-manteniment tat-tifla u ma jkomplix ihallas sehemu mill-ispejjez straordinarji ta' edukazzjoni u ta' sahha tat-tifla, u fl-affidavit jghid li jrid jnaqqas il-manteiment taghha biss, mhux tat-tifla.

"Hi tghid li fil-kuntratt kienu qablu li l-ispejjez straordinarji ta' edukazzjoni kellhom jithallsu bin-nofs bejniethom. Hi qatt ma talbitu

jhallas nofs l-ispejjez tal-privat, ghalkemm skond il-kuntratt hu kellu jhallas nofshom. L-anqas iz-zieda fl-gholi tal-hajja ma hallasha u din kienu qablu fuqha fuq il-kuntratt. Hu kien ha din iz-zieda fis-salarju tieghu ta' surgent.

"**L-attur xehed in kontro-ezami** fis-seduta tal-25 ta' April 2017.[15] Hu qabel li t-transfer minn ma 'special protective duties' sar f'Gunju 2013. Hu ddikjara li s-servizz baqa' jinghata izda tnaqqas il-personnel billi qabel kienu erba, issa hemm tnejn. Kemm is-sistema antika kif ukoll il-gdida jkopru 24 siegha, u billi l-attur kien surgent tal-Pulizija dan kien jaghmel differenza kbira fl-over-time. Hu ddikjara li l-over-time kien skond l-esigenzi tas-servizz u fil-present kien hemm over-time billi qeghdin bil-Presidenza.

"Xehed li kien ghamel l-operazzjoni fis-sena 2014 u ghamel 9 xhur barra. Kien mar il-Kanada ghal tieg tal-familja pero' l-ispejjez hallsithom ommu. Hu ma qabilx kif kien mistoqsi li kellu partner fil-Kanada, ddikjara li kienet biss habiba u li kien mar darbtejn.

"F'dawn l-ahhar hames snin kien biss fis-sena 2016 kienet l-unika darba li ha unpaid leave.

"**Il-konvenuta, xehdet in kontro-ezami** fl-istess seduta.[16] Dwar il-kumpanija Transmed insistiet li missier l-attur kellu rwol importanti. Ghalkemm ddikjarat li missieru kellu share f'din il-kumpanija saritilha d-domanda kienitx taf li kien biss managing director u ma kellu l-ebda share, u li kien ilu seba' snin mejjet. Hi rrispondiet li sakemm isseparaw l-attur kien jahdem hemm, wara li sseparaw ma tafx. Hi ma kienitx f'posizzjoni li tghid minn hallas ghall-vjaggi li ghamel l-attur.

"Il-konvenuta, b'nota pprezentata fil-25 ta' April 2017 annettiet Schedule of Grades fis-Sevizz Pubbliku li minnu jirrizulta,[17] li Police Sergeant hu f'salary scale 11 salarju ta' €17,022.98 x €375.17-€19,274.00.

"**KONSIDERAZZJONIJIET.**

"**L-Azzjoni tal-Attur.**

"L-attur qed jitlob lill-Qorti tikkonsidra l-mezzi u d-dhul taz-zewg partijiet, tiddikjara li c-cirkostanzi finanzjarji tal-attur iddeterjoraw minn meta sar il-kuntratt ta' separazzjoni, mentri dawk tal-konvenuta tjiebu sostanzjalment; li l-manteniment ghall-mara ghandu jitwaqqaf jew jigi ridott in vista tac-cirkostanzi attwali; li jitnaqqas il-manteniment ghat-tifla minuri u li l-ispejjez ta' ezamijiet u spejjez medici ta' natura straordinarja jithallsu esklusivament mill-konvenuta.

---

[15] Fol 70.
[16] Fol 78.
[17] Fol 82.

"Il-konvenuta tikkontesta li kien hemm bdil fil-mezzi finanzjarji tal-attur li jiggustifika t-twaqqif jew tnaqqis tal-manteniment pattwit bonarjament mill-partijiet fil-kuntratt ta' separazzjoni tas-27 ta' Mejju 2013. Skond il-konvenuta mhux minnu li l-attur ma jiflahx ihallas il-manteniment taghha u ta' binthom billi ghadu jghix l-istess stil ta' hajja, anzi ahjar, u jsiefer spiss. Hi tichad li l-mezzi taghha tjiebu jew tjiebu sostanzjalment kif jallega l-attur, u fi kwalunkwe kaz , anke kieku dan kien minnu, l-attur ma kienx ikun gustifikat li jitlob riduzjoni fil-manteniment. Il-konvenut, apparti l-manteniment li tircievi minghand l-attur, ghandha dhul tal-ammont ta' €90 kull erba' gimghat bhala beneficcju socjali.

"Ikkunsidrat;

"Fil-kuntratt ta' separazzjoni tas-27 ta' Mejju 2013, paragrafu 6, il-partijiet ftehmu illi l-attur ihallas lill-konvenuta kull erba' gimghat l-ammont ta'€300 ghaliha filwaqt li ghat-tifla jhallas €350, b'kollox €650 kull erba' gimghat.

"**Klawsola 6** tal-kuntratt de quo taqra kif gej:-

> "***Ir-Ragel jobbliga ruhhu illi jhallas lil Mara li taccetta bhala manteniment ghaliha stess is-somma ta' tliet mitt ewro (Euro300) u ghat-tifla minuri s-somma ta' tliet mija u hamsin Ewro (Euro350) kull erba' gimghat bil' quddiem b'effett mid-data tal-publikazzjoni ta' dana l-att. Dan il-manteniment ghandu jizdied kull sena awtomatikament skont iz-zieda fl-indici tal-gholi tal-hajja. Dan il-manteniment ghat-tifla minuri jinkludi fih ammont li ghandu jaghmel tajjeb ghall-ispejjez edukattivi u medici ordinarji. Il-partijiet jaqblu u jiddikjaraw illi l-manteniment hekk stabbilit bis-sahha ta' dana l-Artikolu ma jkunx rivedibbli hlief fuq ordni tal-Qorti kompetenti f'kaz ta' bdil fic-cirkostanzi u l-mezzi finanzjarji tar-Ragel. Il-manteniment ghall-Mara ghandu jibqa' dovut anke f'kaz li l-Mara ssib impjieg fuq bazi parti-time. Dan il-manteniment ghall-Mara ghandu jieqaf f'kaz illi l-Mara tghaddi ghal zwieg iehor.***
>
> "***- omissis -***
>
> "***Il-partijiet jobbligaw ruhhom illi jhallsu nofs kull wiehed l-ispejjez medici straordinarji li ma jkunux koperti b'xejn mill-Gvern ta' Malta b'dana pero' interventi jew kirurgija kosmetika ma ghandhomx jitqiesu bhala inkluzi mal-ispejjez medici straordinarji sakemm ma jkunx hemm qbil espress tal-Partijiet jew tali interventi u/jew kirurgija jkunu necessarji. Huma jobbligaw ruhhom illi jhallsu nofs kull wiehed l-ispejjez edukattivi straordinarji (inkluz l-uniformijiet u kotba ta' l-iskola kif ukoll il-mizati u spejjez ohra relatati ma' summer school) tat-tifla minuri.***
>
> "***Illi kwalunkwe children's allowance mahruga mill-Gvern ta' Malta relattiva ghall-imsemmija tifla minuri u beneficcji ohra pagabbli lill-familja (jekk dovuti) ghandhom jigu ppercepiti esklussivament mill-Mara***."

"Ikkunsidrat;

"**Pacta Sunt Servanda.**

"In tema legali ghandu jinghad illi galadarba l-attur qed jitlob varjazzjoni ta' stipulazzjonijiet kontrattwali, il-Qorti tqis b'mod generali li dak pattwit f'kuntratt ta' separazzjoni, bhal kull kuntratt iehor, ghandu jitqies bhala vinkolanti daqs ligi bejn il-partijiet b'applikazzjoni tal-principju *pacta sunt servanda*. Tali principju huwa inkorporat fil-ligi taghna permezz **tal-Artikolu 992 tal-Kapitolu 16** li jiddisponi:-

> "*(1) Il-kuntratti maghmula skont il-ligi ghandhom sahha ta' ligi ghal dawk li jkunu ghamluhom.*
>
> "*(2) Dawn il-kuntratti ma jistghux jigu mhassra hlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet, jew ghal ragunijiet maghrufin mill-ligi*".

"Fil-kaz odjern jirrizulta permezz tal-kuntratt ta' separazzjoni konsenswali ppubblikat fis-27 ta' Mejju 2013 il-partijiet ftehmu inter alia s-segwenti:-

"Fir-rigward tal-Manteniment dovut lill-Mara:-

"1. €350 kull erba' gimghat
"2. Jizdied kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja.
"3. Dan il-manteniment ma hux rivedibbli hlief "f'kaz ta' bdil fic-cirkostanzi u l-mezzi finanzjarji tar-Ragel.
"4. Jibqa' dovut anke f'kaz li l-Mara ssib impjieg fuq bazi parti-time.
"5. Jieqaf jekk il-mara tghaddi ghal zwieg iehor.

"Dan hu dak li l-partijiet ftehmu fir-rigward tal-manteniment pagabbli mill-attur lill-konvenuta ghaliha personalment.

"Fl-ewwel talba tieghu l-attur qed jitlob li l-Qorti tikkonsidra l-mezzi u d-dhul taz-zewg partijiet u tiddikjara illi c-cirkostanzi finanzjarji tal-attur iddeterjoraw wara l-kuntratt tas-separazzjoni filwaqt li dawk tal-intimata "tjiebu sostanzjalment".

"**Interpretazzjoni ta' Klawsoli Kontrattwali.**

"Il-kuntratt ta' separazzjoni de quo huwa car f'dak li jirrigwarda bdil fic-cirkostanzi tal-konvenuta li jwasslu ghat-terminazzjoni tal-obbligu tal-attur li jhallasha manteniment. Tnejn huma c-cirkostanzi kontemplati. Jekk issib impieg 'full-time' jew jekk 'tghaddi ghal zwieg iehor'. Dan hu dak li ftehmu l-partijiet. Ma ngabet l-ebda prova li l-konvenuta ghandha impieg full-time. Dan apparti, ma ngabu l-ebda provi illi juru li l-mezzi finanzjarji tal-konvenuta "tjiebu sostanzjalment" kif jallega l-attur.

"Fil-kuntratt tintuza l-frazi "f'kaz ta' bdil fic-cirkostanzi u l-mezzi finanzjarji tar-Ragel". L-attur qed jitlob lill-Qorti tezamina c-cirkostanzi finanzjarji tal-konvenuta filwaqt li l-konvenuta tilqa' ghal dan bit-tmien eccezzjoni taghha fis-sens illi filwaqt li tichad li l-mezzi finanzjarji taghha

tjiebu sostanzjalment kif jallega l-attur, teccepixxi wkoll illi it-titjieb tal-mezzi tal-konvenuta ma jintitolax lill-attur jitlob it-twaqqif jew ir-riduzjoni tal-manteniment pagabbli lill-konvenuta.

“Jehtieg ghalhekk li l-Qorti taghti l-interpretazzjoni taghha ghall-frazi uzata fi klawsola 6 tal-kuntratt ta' separazzjoni "f'kaz ta' bdil fic-cirkostanzi u l-mezzi finanzjarji tar-Ragel".

“In tema legali ssir referenza ghas-sentenza moghtija recentement fl-24 ta' Novembru 2017 mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet: "**Angiolino sive Lino Pace vs Dr Henry Antoncich et. noe. et**.":-

“Illi bhala linja generali jinghad illi l-Artikolu 1002 tal-Kapitolu 16 jistipula illi “Meta l-kliem ta’ konvenzjoni mehud fis-sens li ghandu skont l-uzu fizzmien tal-kuntratt, hu car, ma hemmx lok ghal interpretazzjoni”. Illi fil-kawza fl-ismijiet Grace Spiteri v. Carmel sive Lino Camilleri et deciza mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta’ Mejju 2002 inghad dwar dan l-artikolu tal-ligi li: “Il-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa’ dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta` tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tigi osservata. Pacta sunt servanda”. (A.C. 5 ta’ Ottubru, 1998 – “**Gloria mart Jonathan Beacom et vs L-Arkitett u Inginier Civili Anthony Spiteri Staines**”). App. Civ. 154/10 20 Illi tkompli tghid din is-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell hawn appena citata li: “Illi l-gurisprudenza nostrali hi kostanti filli rriteniet li ma hix ammissibbli li prova testimonjali kontra jew in aggjunta ghall-kontenut ta’ att miktub u hi talvolta ammessa biex tikkjarifika l-intenzjoni tal-partijiet meta din hi espressa b’mod ambigwu” (Vol. XXXIV, P. III., p. 746). Il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Clementino Caruana v. Emanuela Agius** (22 ta’ Novembru 2002) qalet hekk: “Dan iwassal biex logikament l-gudikant jehtieglu jaghrbel u jara, bejn iz-zewg interpetazzjonijiet possibbli, hekk posti quddiemu, liema minnhom hi l-izjed verosimili u konsistenti in subjecta materia mal-oggett tal-ftehim (Art 1005 tal-Kodici Civili) u l-izjed attinenti ghal presumibbli volonta` tal-kontraenti. Kif ravvisat fis-sentenza **Elena Micallef v. Edwardo Ciantar,** 3 ta’ Jannar 1884 (Vol X p345), “quando insorgono difficolta` sulla intelligenza delle condizioni di un contratto e sulle sue conseguenze. La Legge fornisce alcune norme indicative e dimostrative e criteri direttivi, come mezzi d’interpretazione, senza vincolare la liberta` del giudicante tenuto a prendere in calcolo le circostanze speciali in ciascun caso”. “Dan kollu jikkonduci, b’necessita` guridika, ghall-ezami ta’ dawk il-kanoni tal-ermenewtika applikabbli ghall-kuntratti in generali, ben analizzati fid-decizjoni a Vol XII p265”. L-ewwel regola fondamentali tal-interpretazzjoni hi dik dettata mill-Artikolu 1002 tal-Kodici Civili li tghid li meta kliem ta’ konvenzjoni, mehud fis-sens li ghandu skont l-uzu fiz-zmien tal-kuntratt, hu car, ma hemmx lok ghall-interpretazzjoni (Vol XXXIV p1 p27). L-interpretazzjoni ghandha biss tittiehed mill-att stess, u mhux minn provi estraneji, specjalment meta l-interpretazzjoni hija relattiva ghall-kwistjoni principali (Vol XXXI pI p49). Regola ohra daqstant importanti

ta' interpretazzjoni hi dik li nsibu fl-Artikolu 1003, u cjoe`, li meta s-sens letterali tal-kelma ma jaqbilx mal-intenzjoni tal-partijiet kif tkun tidher cara mill-pattijiet mehudin flimkien, ghandha tipprevali l-intenzjoni. Dwar din ir-regola gie hekk osservat: "Issa din ir-regola ghandha tigi sewwa apprezzata u applikata. Irid jirrizulta bla dubju illi s-sens tal-klawsola li tkun jista' biss jigi interpretat b'mod univoku ghax hu car. Irid jirrizulta wkoll li dan is-sens car tal-kliem ma jkunx jaqbel ma' dak li kellhom f'mohhom il-partijiet kollha u mhux ma' dak biss li xi wahda mill-partijiet kellha f'rasha. U dan irid jidher car mill-pattijiet kollha tal-kuntratt mehudin flimkien" – "**John Bartolo et –vs- Alfred Petroni et**", Appell, 7 ta' Ottubru, 1997. Ben tajjeb, imbaghad, gie senjalat illi "fl-applikazzjoni tar-regoli ta' interpretazzjoni ma hijiex l-interpretazzjoni tal-kontendenti ghall-kliem tal-konvenzjoni jew is-sens divers minnhom lilhom moghti li jiswa imma hu l-qari oggettiv tal-gudikant li jaghti lil kliem is-sens ordinarju tieghu fil-kuntest ta' kif gie uzat mill-kontraenti li ghandu jghodd: - "**John Zammit –vs- Michael Zammit Tabone et noe"**, Appell, 28 ta' Frar 1997. Naturalment ma jistax jonqos illi l-gudikant, anke jekk strettament mhux marbut bil-precedent, ikollu l-ghajnuna u l-gwida ta' dik il-gurisprudenza awtorevoli li fuq is-suggett giet meqjusa bhala l-aktar akkreditata.

"Ikkunsidrat;

"Ezaminata l-klawsola "f'kaz ta' bdil fic-cirkostanzi u l-mezzi finanzjarji tar-Ragel" u fid-dawl tal-gurisprudenza nostrana appena citata il-Qorti hi tal-fehma illi l-interpretazzjoni korretta hi fis-sena li sabiex jkun hemm lok ghal revizjoni tal-manteniment pagabbli mill-attur lill-konvenuta kien jehtieg illi jkun hemm bdil fic-cirkostanzi u l-mezzi finanzjarji tal-attur u mhux bdil fic-cirkostanzi u l-mezzi finanzjarji tal-konvenuta salv jekk din ta' l-ahhar tibda tahdem full-time jew terga tizzewweg. Tali klawsola ma hiex qed tirreferi ghal bdil fic-cirkostanzi u l-mezzi finanzjarji tal-konvenuta. Kieku l-partijiet riedu jirreferu ghal bdil fic-cirkostanzi kemm tal-attur kif ukoll tal-konvenuta l-klawsola wiehed kien jistenna li l-klawsola kienet tkun taqra vicin dan li gej: "f'kaz ta' bdil fic-cirkostanzi tal-partijiet jew fil-mezzi finanzjarji tar-Ragel". Isegwi ghalhekk illi fil-frazi in dizamina l-bdil fic-cirkostanzi jirreferi ghac-cirkostanzi tal-attur u mhux tal-konvenuta.

"Isegwi ghalhekk illi l-partijiet ftehmu li l-manteniment pagabbli mill-attur lill-konvenut ghaliha u ghall-bint il-partijiet seta jigi rivedut fl-eventwalita' li jkun hemm bdil fic-cirkostanzi u l-mezzi finanzjarji tar-Ragel. Dan ifisser illi sabiex jitwieled id-dritt fl-attur li jitlob varjazzjoni fil-quantum tal-manteniment minnu pagabbli jehtieg li javveraw ruhhom "bdil fic-cirkostanzi u l-mezzi finanzjarji" tieghu. Appena huwa necessarju jigi sottolineat illi mhux kull tibdil fic-cirkostanzi jew fil-mezzi ta' min hu fl-obbligu li jhallas manteniment li necessarjament iwassal ghall-varjazzjoni fil-quantum tal-manteniment.

"Jehtieg ghalhekk illi nharsu lejn il-provvedimenti tal-ligi u l-insenjament tal-gurisprudenza nostrana fir-rigward.

"**Artikolu 54(9) tal-Kapitolu 16** jipprovdi illi:-

> "*(9) Meta jkun hemm tibdil li jiġri wara fil-mezzi tal-parti responsabbli għall-manteniment jew il-bżonnijiet tal-parti l-oħra, il-qorti tista', fuq it-talba ta' kull waħda mill-partijiet, tordna li dak il-manteniment jinbidel jew jitwaqqaf skont il-każ.*
>
> "*Iżda, meta tkun tħallset somma globali jew tkun ingħatat proprjeta b'sodisfazzjon totali tal-obbligu ta' parti li tħallas manteniment lill-parti l-oħra, ir-responsabbilta kollha tal-ewwel parti għall-manteniment tat-tieni parti tieqaf. …*"

"Issir referenza wkoll ghall-**Artikolu 21(1) tal-Kodici Civili** li jiddisponi illi:-

> "*Meta min jaghti l-manteniment jigi fi stat li ma jkunx jista' jaghti aktar il-manteniment kollu jew bicca minnu, hu jista' jitlob li jkun mehlus mill-obbligu tieghu jew li tkun imnaqqsa is-somma tal-manteniment, skond ma jkun il-kaz.*"

"**<u>Manteniment Pattwit *Ex Contractu*.</u>**

"Jigi osservat illi fil-kaz ta' manteniment pattwit *ex contractu*, il-gurisprudenza l-aktar remota tal-qrati taghna kienet rigida fis-sens li kienet taghmilha prattikament impossibbli illi l-*quantum* ta' l-alimenti li jkun gie miftiehem f'kuntratt ta' separazzjoni konsenswali, jigi b'xi mod varjat. Biz-zmien, dik l-inflessibbilita' naqset u, in omagg ghall-principju *ad impossibilia nemo tenetur*, f'cirkostanzi eccezzjonali u meta jkun sar impossibbli fic-cirkostanzi godda li l-parti tonora l-obbligi kuntrattwali, il-qrati kkoncedew li jvarjaw stipulazzjonijiet kuntrattwali dwar manteniment. Fis-sentenza **Mary Vella vs Mario Vella**[18], il-Qorti ta' l-Appell osservat illi f'kaz ta' separazzjoni konsenswali, fejn il-partijiet ikunu kkonkordaw bejniethom dwar il-manteniment, il-kriterji applikabbli mill-Qorti meta jkun hemm talba ghall-varjazzjoni tal-manteniment pattwit huma aktar rigidi u gravi minn dawk talvolta applikabbli f'kaz ta' manteniment li jkun gie stabbilit u ordnat b'sentenza tal-Qorti. Madanakollu, il-Qorti f'dik is-sentenza riteniet ukoll illi:-

> "*…tezisti l-possibilit'a ta` min hu obbligat li jhallas il-manteniment li "jitlob li jkun mehlus mill-obbligu jew ikun imnaqqas skond ma jkun il-kaz jekk jigi fi stat li ma jkunx jista jaghti aktar il-manteniment kollu jew bicca minnu.*"

"B'sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Alfred Grech vs. Pauline Grech**[19], filwaqt li gie affermat il-principju li l-kriterji ghall-tibdil f'manteniment pattwit *ex contractu* ma baqghux daqshekk inflessibbli, dik il-Qorti abbracjat il-konsiderazzjonijiet li saru fis-sentenza appena citata u ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet ulterjuri:-

[18] Deciza 11 ta' Jannar 1996.
[19] Deciza 16 ta' April 2004.

"*Huwa minnu li l-ligi civili taghna ma toqghodx tiddistingwi bejn manteniment impost jew ordnat mill-Qorti minn iehor pattwit bejn il-konjugi nfushom ghall-fini ta' varjazzjoni. Imma l-appellant messu jaf ukoll li fejn si tratta ta' ftehim per via ta' kuntratt ghandu wkoll jghodd fermament il-principju ta' pacta sunt servanda. Il-Qrati taghna, minkejja li fil-bidu jirrizulta li addottaw posizzjoni rigida, anzi wahda inflessibbli, meta gew rinfaccjati b'talbiet ghal revizjoni u/jew varjazzjoni ta' retti alimentari li jkunu gew miftehma bejn il-konjugi stess, mal-milja taz-zmien hassew in-necessita` li fl-interess ta' l-ordni pubbliku, li hu suprem u aqwa minn kull ligi jew ftehim bejn il-partijiet, kellhom jikkoncedu illi taht certi cirkostanzi li gew ikkwalifikati bhala ta' natura gravi, eccezzjonali jew indipendenti mill-volonta` ta' l-attur li qabuh fl-impossibilita` li jhallas r-retta alimentari, allura f'kazi simili jista' jkun hemm lok ghal varjazzjoni*.

"*Fil-fehma kunsidrata ta' din il-Qorti, din il-linja flessibbli fil-kazi propizji hija wahda ferm gusta mill-posizzjoni addottata qabel. Effettivament, din il-Qorti jidhrilha wkoll li hemm, u mhux ma hemmx, differenza bejn manteniment ordnat mill-Qorti "ope legis" minn iehor miftiehem volontarjament mill-konjugi stess. Fit-tieni kaz, wiehed ghandu jipprezumi li trattandosi hawn ta' ftehim ta' separazzjoni bonarja u mhux ko-atta jew forzata, li l-partijiet ftehmu fl-ahjar interess taghhom it-tnejn.*"

"Iktar recentement, fil-kawza fl-ismijiet **Jean Pierre sive Jean Borg vs Nicole Borg**[20], il-Qorti ta' l-Appell riteniet illi-

"*Filwaqt li l-principju 'pacta sunt servanda' ghandu jirregola l-kuntratti tas-separazzjoni personali bhal kull kuntratt iehor, izda f'cirkostanzi gravi, eccezzjonali jew indipendenti mill-volonta' tal-parti li qabuha fl-impossibilita' li tkompli tezegwixxi l-obbligu ta' hlas tal-manteniment pattwit bejn il-partijiet, il-Qorti ghandha l-fakolta' li tirrevedi dan l-obbligu*". [Sottolinejar ta' din il-Qorti]

"Issir ukoll referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tad-29 ta' Jannar 2016 fl-ismijiet **Saviour Galea vs Carmela Galea**, fejn il-Qorti ghamlet rassenja tal-gurisprudenza dwar il-materja in dizamina kif ukoll referenza ghas-sentenza ***Vella vs Vella***[21] u kkondividiet il-fehma ormai pacifiku illi jekk jikkonkorru cirkostanzi ta' natura gravi, eccezzjonali jew indipendenti mill-volonta` ta' minn hu obbligat ghall-hlas tal-manteniment, li ipogguh fl-impossibilita` li jhallas r-retta alimentari, allura f'kazi simili jista' jkun hemm lok ghal varjazzjoni tal-manteniment stipulat *ex contractu*.

"Fil-fehma ta' din il-Qorti, din il-linja flessibbli in materja hija wahda ferm gusta u ghalhekk taqbel perfettament ma' dan l-insenjament gurisprudenzjali u tadottah pjenament[22].

---

[20] Deciza 30 ta' Novembru 2012.
[21] Supra.
[22] Vide wkoll ***Stephen Camilleri vs. Suzanne Camilleri***, deciza minn din il-Qorti fit-3 ta' April 2016.

“Ikkunsidrat;

“***Impossibilium Nulla ObligatioEest.... Ad Impossibilia Nemo Tenetur.***

“Fil-mertu, dak li jrid jigi investigat u determinat huwa jekk giex sodisfacjentement ippruvat mill-attur illi minn meta gie ppubblikat il-kuntratt ta’ separazzjoni bejn il-partijiet fis-27 ta' Mejju 2013, u cioe' tlett snin qabel giet intavolata l-kawza odjerna, kienx hemm tibdil sinjifikanti fic-cirkostanzi u mezzi finanzjarji tieghu li jikwalifikaw bhala gravi, eccezzjonali u serji, illi jwasslu allura ghal varjazjoni fil-quantum tal-manteniment.

“In linea generali, f'kull kawza fejn it-talba hi ghall-varjazzjoni ta' stipulazzjonijiet kontrattwali, l-oneru tal-prova huwa gia' wiehed gholi. Meta l-varjazzjoni mitluba tirrigwarda l-obbligu tal-hlas tal-manteniment, meqjus bhala li jaqa' fil-kamp ta’ l-ordni pubbliku, il-Qorti tqis li l-oneru tal-prova mehtieg ghas-success ta’ azzjoni bhal dik odjerna, huwa wiehed massimu. Wara kollox, kif gie dikjarat fil-kawza diga` citata fl-ismijiet **Jean Pierre sive Jean Borg vs Nicole Borg** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Novembru 2012:-

> “*F’materja ta’ hlas ta’ manteniment in-nuqqas ta’ parti li tezegwih jirrendiha soggetta ghas-sanzjonijiet kriminali, bil-possibilta’ anke li tigi imposta fuqha piena karcerarja*”.

“L-attur f’dik il-kawza, bhal kaz in ezami, talab li l-Qorti tirriduci il ‘quantum’ tal-manteniment pattwit billi allega li kien fl-impossibilita’ li jkompli jhallas ir-rata shiha tal-manteniment miftiehem fuq il-kuntratt. Il-Qorti kellha dan xi tghid dwar il-bilanc li jrid jinstab bejn il-principju fondamentali "pacta sunt servanda" u l-principju l-iehor daqstant imporanti "ad impossibilia nemo tenetur":

> “*Dan il-principju jsib il-bazi razzjonali tieghu “fl-interess tal ordni pubbliku, li hu suprem u aqwa minn kull ligi jew ftehim bejn il-partijiet”. Fi kliem iehor, f’materja ta’ revizzjoni ta’ manteniment pattwit, fil-waqt li ghandu japplika l-principju generali regolanti l-materja tal-kuntratti, ghandu japplika wkoll, bhala deroga mill-istess, il-principju ‘ad impossibilia nemo tenetur’, li jifforma r-‘ratio legis’ tad-dispost tal-Artikolu 985 tal-Kap 16 li, inter alia, jistipula li hwejjeg impossibbli ma jistghux ikunu oggett ta’ kuntratt*”.

“Jinkombi ghalhekk fuq min jitlob il-varjazzjoni ta’ l-obbligu tal-manteniment, id-dover assolut li jressaq provi cari, oggettivi u inekwivoci biex jikkonvinci lill-Qorti li sehhew cirkostanzi supervenjenti ghall-kuntratt li huma serji u eccezzjonali u li jqeghduh fl-impossibbilita` li jaqdi d-dover tieghu. Altrimenti, il-Qorti tkun qed tippermetti li stipulazzjonijiet tant serji u delikati f’kuntratti pubblici bhalma huma stipulazzjonijiet dwar obbligu ta’ manteniment tal-konjugi jew ta’ l-ulied, jigu soggetti ghal tibdil bl-iktar mod facli u espedjenti. L-Artikolu 21 tal-Kodici Civili, fuq citat, zgur mhux intiz biex jakkomoda piki u kapricci,

izda fejn jirrizultaw verament ragunijiet serji u gravi li jiggustifikaw tibdil fil-patt kuntrattwali ghall-hlas tal-manteniment, dan ghandu jigi permess.

“Gie wkoll ritenut mill-Qorti tal-Appell illi: "............ jinsab assodat fil-gurisprudenza patria li iktar milli bdil fic-cirkostanzi b’mod generali, it-test dwar jekk ghandux jigi ridott manteniment stabbilit lill-wiehed mill-konjugi jirrikjedi ezami komparattiv dwar kambjamenti fil-mezzi tal-konjugi obbligat li jhallas il-manteniment u l-bzonnijiet tal-konjugi li ghandu dritt jircevihom" [**Edward Galea vs Josephine Galea** - 15.05.1998]

“Ikkunsidrat;

“Minn qari ta' klawsola 6 tal-kuntratt ta' separazzjoni tal-partijiet jemergi car illi fl-ewwel lok il-partijiet ftehmu illi bhala regola il-manteniment stabbilit minnhom fil-kuntratt, sew dak pagabbli lill-attrici ghaliha kif ukoll dak pagabbli ghall-minuri ma kienx revedibbli sakemm ma jsehhux l-avvenimenti minnhom kontemplati. Fil-kaz tal-minuri l-manteniment pagabbli lill-konvenuta ghall-minuri jieqaf jekk taghlaq tmintax-il sena sakemm ma tibqax tistudja full-time fil-livell terzjarju meta allura l-attur intrabat li jibqa' jhallas il-manteniment ghaliha sakemm taghlaq 23 sena. Fir-rigward tac-cirkostanzi tal-mara huma tnejn dawk kontemplati li jwasslu ghat-terminazzjoni tad-dritt taghha li tircievi minghand l-attur il-manteniment pattwit, jew li tibda tahdem full-time, jew li terga tizzewweg. L-ebda wahda minn dawn ma jirrizulta li ssuccediet.

“Ghalhekk jehtieg jigi ezaminat jekk jekk kienx hemm bdil fic-cirkostanzi u l-mezzi tal-konvenut li jpogguh fl-impossibilita' li jkompli jonora l-obbligu minnu assunt fuq il-kuntratt li jhallas manteniment lill-martu sew ghaliha kif ukoll ghall-bint il-partijiet.

“Il-konvenut isemmi zewg ragunijiet primarji li skond hu poggewh fl-impossibilita' li jhallas il-manteniment pattwit. Fl-ewwel lok isemmi l-kundizzjoni medika tieghu fejn isostni li naqsitlu drastikament il-potenzjal lavorattiv tieghu bil-konsegwenza li d-dhul naqas. Fit-tieni lok isemmi bdil fil-hidma tieghu fi hdan il-Korp tal-Pulizija peress li fiz-zmien il-kuntratt kien jahdem b'tali mod illi kellu hafna overtime u allowances filwaqt li sussegwentement ibidlulu d-doveri tieghu li waslu ghal tnaqqis sostanzjali mill-overtime u allowances.

“Mit-testimonjanza ta' Simon Agius, Officer Salaries Section fi hdan il-Korp tal-Pulizija jirrizulta dan li gej dwar id-dhul tal-attur fis-snin rilevanti:-

“Mill-FS3 ghas-sena 2011[23] jirrizulta li l‘gross emoluments tal-attur kienu €25,828.67.

[23] Fol 60.

"Mill-FS3 ghas-sena 2012[24] jirrizulta li l'gross emoluments tal-attur kienu €28,806.67.

"Mill-FS3 ghas-sena 2013 [25] jirrizulta li l-'gross emoluments tal-attur kienu €28,466.84.

"Mill-FS3 ghas-sena 2014[26] jirrizulta li l-'gross emoluments tal-attur kienu €15,549.13.

"Mill-FS3 ghas-sena 2015[27] jirrizulta li l-'gross emoluments tal-attur kienu €15,565.19.

"Mill-Payroll Data History ghas-sena 2016 [28] jirrizulta li l-gross pay tal-attur kienet €19,741.04 u n-net pay kienet fl-ammont ta' €15,952.89. Hadem overtime fl-ammont ta'€545.55 bejn Frar u Marzu 2016.

"Il-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-partijiet sar fis-27 ta' Marzu 2013 u f'dik is-sena l-attur kellu income ta' aktar minn €28,000. Fis-sena precedent kellu tista' tghid l-istess income u fis-sena ta' qabel qala' xi tlett elef Euro anqas. Jirrizulta ghalhekk illi meta gie ppubblikat il-kuntratt ta' separazzjoni, id-dhul gross tal-attur kien ta' €28,466 filwaqt li fis-sena 2016 id-dhul gross tieghu kien ta' €19,741.

"Li kien hemm riduzjoni fid-dhul tieghu gie sodisfacentement ippruvat.

"Fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu l-attur jikkontendi illi skond dak pattwit fil-kuntratt tal-partijiet, sabiex issir revizjoni 'isfel tar-rata ta' manteniment pagabbli mill-attur lill-konvenuta, ma hux mehtieg li r-riduzjoni fid-dhul tieghu necessarjament jirrendih fl-impossibilita' li jhallas manteniment. Isostni illi una volta l-partijiet ftehmu li jkun hemm revizjoni f'kaz ta' "bdil fic-cirkostanzi u d-dhul" tal-attur, allura dhul sostanzjali li ma jpoggiehx fl-impossibilita' li jhallas ghandhom ikoll iwasslu ghal riduzjoni fir-rata tal-manteniment pagabbli.

"Fil-fehma tal-Qorti din is-sottomissjoni ma hiex korretta. Il-kuntratt ta' separazzjoni tal-partijiet isemmi bhala bazi l-patt illi r-rata ta' manteniment pattwita' ma hiex rivedibbli. Huwa biss bhala eccezzjoni ghar-regola pattwita' li l-partijiet ftehmu li jkun hemm revizzjoni fl-eventwalita' ta' bdil fic-cirkotanzi u d-dhul tal-attur. Hija ghalhekk applikabbli ghal kaz in ezami l-gurisprudenza nostrana li tistabbilixxi c-cirkostanzi li jippermettu lill-Qorti tvarja rata ta' manteniment nonostante li tkun pattwita' f'kuntratt.

[24] Fol 58.
[25] Fol 56.
[26] Fol 54.
[27] Fol 52.
[28] Fol 50.

> “Ghalhekk hija l-fehma tal-Qorti illi li hu rilevanti ghas-soluzzjoni ta' din il-vertenza ma hux jekk kienx hemm bhala stat ta' fatt riduzjoni fid-dhul tal-attur, izda jekk tali riduzjoni fid-dhul tieghu gabitx dak li l-gurisprudenza nostrana tikkunsidra bhala cirkostanzi supervenjenti, gravi u eccezzjonali, indipendeenti mill-volonta' tal-parti bl-obbligu tal-hlas tal-manteniment, li jkunu gabu lill-pagatur tal-manteniment fl-impossibilita' li jkompli jonora l-obbligu kontrattwali minnu assunt, in toto jew in parte.
>
> “Sabiex jirnexxi fit-talbiet tieghu l-attur kien jehtieglu li jressaq provi sodisfacenti li juru illi d-dhul tieghu tant naqas illi jinsab fl-impossibilita' li jkompli jhallas il-manteniment lill-martu u lill-bintu ammontanti ghal €650 fix-xahar, oltre z-zidiet skond l-indici tal-gholi tal-hajja u spejjez straordinarji tal-minuri.
>
> “Il-kawza giet intavolata fis-sena 2016 u ghalhekk huwa rilevanti b'mod partikolari is-sena 2016 fejn jirrizulta illi id-**dhul nett** tal-attur kien ta' kwazi €16,000 (sittax-il elf ewro), u dan wara li tnaqqas it-taxxa tad-dhul u l-kontribuzzjoni tas-sigurta' socjali.
>
> “Is-soluzzjoni ta' din il-vertenza tinstab fir-risposta li ghandha tinghata ghad-domanda jekk persuna bi dhul net ta' kwazi €16,000 fis-sena hiex fl-impossibilita' li tkompli thallas manteniment ta' circa €650 fix-xahar. Fil-fehma tal-Qorti **dhul nett ta' €16,000 fis-sena** ma jirrendiex lil dak li jkun fl-impossibilita' li jkompli jmanti lill-martu u lil bintu ta' tlettax-il sena bis-somma ta' €650 fix-xahar.
>
> “Jigi wkoll osservat illi permezz tal-kuntratt ta' separazzjoni tal-partijiet gie miftiehem illi stante li d-dar matrimonjali kienet proprjeta' parafernali tar-ragel, il-mara u l-bint kellhom johorgu mill-fond matrimonjali u jsibu residenza band'ohra. Huwa evidenti illi l-manteniment pattwit jirrifletti wkoll il-htiega tal-konvenuta li ssib residenza alternattiva ghaliha u ghall-minuri”.

## L-Appell

6. Dan hu bazat fuq tliet aggravji: [1] li “effettivament l-ewwel Qorti ma tat ebda konsiderazzjoni ghal dak li ftiehmu l-partijiet fil-klawsola numru 6 tal-kuntratt tas-separazzjoni, [2] li l-ewwel Qorti “waslet ghall-konkluzjonijiet u bbazat ruhha fuq dikjarazzjonijiet non-ezistenti u kontra l-principju li *quod non est in actis non est in mundo*” u [3], li l-ewwel Qorti

ma kellhiex tistrieh biss fuq il-principju ad *impossibilia nemo tenetur* ghax il-klawsola 6 hija wiesgha bizzejjed biex tmur oltre minn dan il-principju, b'mod li "*bdil fic-cirkostanzi u l-mezzi finanzjarji tar-Ragel*"[29] kien fattur sufficjenti sabiex jiskatta revizjoni tal-*quantum* dovut bhala manteniment.

7. Abbazi ta' dawn l-aggravji l-attur qed jitlob li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u, minflok, tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta u t-talqa' it-talbiet tal-attur, bl-ispejjez taz-zewg istanzi jkunu a kariku tal-konvenuta appellata.

8. Fir-risposta taghha ghar-rikors tal-attur, il-konvenuta appellata, ghar-ragunijiet hemm imfissra, qed toggezzjona ghat-talba tal-attur appellant u qed titlob li l-appell tal-attur jigi michud, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellant.

<u>L-Aggravji</u>

*L-Ewwel Aggrvju*

9. Dan hu fis-sens li f'dan il-kaz il-principju ta' *pacta sunt servanda* ghandu japplika mhux biss ghall-ammont pattwit mill-partijiet imma anke ghal dak li hemm kontemplat fl-imsemmija klawsola numru 6 liema

[29] Kuntratt- Klawsola 6

klawsola hija miktuba b'mod car u ma hemmx dubju jew ambigwita` li tinnecessita interpretazzjoni. L-attur jispjega li fiz-zmien li kien sar il-kuntratt ta' separazzjoni huwa kien jaghmel hafna sahra ghax kien stazzjonat fejn ir-residenza ta' Richard Cachia Caruana u kien ragjonevolment previdibbli li meta din is-sahra tispicca u hu jintbaghat banda ohra l-introjtu tieghu kien ser jigi ridott kif fil-fatt gara. Fi kliem iehor iz-zewg partijiet kienu jafu li d-dhul mis-sahra ma kienx garantit u li l-paga tal-attur setghet tinbidel minn mument ghall-iehor b'mod li tigi ridotta. Din kienet ir-raguni ghaliex il-partijiet kienu ftiehmu dwar ir-rivizjoni tal-*quantum* tal-manteniment fil-kaz li minhabba bdil fic-cirkostanzi jigu ridotti il-mezzi finanzjarji tieghu.

10. Ghalhekk l-attur jissottometti li mhux necessarju, ghas-success tal-azzjoni tieghu li jipprova li l-bdil fic-cirkostanzi kien jaghmilha impossibbli ghalih li jkompli jonora l-obbligu tieghu, imma huwa bizzejjed li jkun hemm riduzzjoni fl-introjtu tieghu b'mod li, wara li jhallas dak dovut minnu skont il-kuntratt, bl-introjtu hekk ridott ma jkunx fil-pozizzjoni li jghix hajja dicenti. Huwa jissenjala li fis-sena 2016 il-paga netta mensili tieghu ammontat ghal €1,300[30] li minnha, wara li jithallas il-manteniment ta' €663[31] u l-pagamenti tal-loan tad-dar tieghu, il-bilanc ma kienx jippermettilu li jghix hajja dicenti.

[30] €1,329 ghal precizjoni bazata fuq salarju nett annwali ta' €15,952.89
[31] L-ammont ta' manteniment hekk kif awmentat skond iz-zieda fl-indici tal-gholi tal-hajja

11. Min-naha taghha l-konvenuta tilqa' ghal dan l-aggravju billi tissenjala li, filwaqt li l-attur jaccetta li l-obbligu tal-manteniment tieghu favur martu u bintu huwa kuncett ta' ordni pubbliku, mill-banda l-ohra huwa qed jissottometti li skont il-klawsola 6 ghandu jkun hemm tibdil kwazi awtomatiku fil-manteniment pattwit meta jkun hemm bdil fil-mezzi finanzjarji tieghu.

12. Tghid li l-ewwel Qorti dahlet sew dwar l-import legali tal-klawsola 6 u wara li qieset ic-cirkostanzi kollha u ghexet il-process shih mill-bidu sal-ahhar waslet ghall-konkluzjoni li ma giex provat li f'dan il-kaz hemm ir-rekwizit tal-impossibbilita` li jimmerita eccezzjoni ghall-principju tal-*pacta sunt servanda*.

13. Tissenjala li, ghalkemm huwa minnu li kien hemm bdil fl-introjtu tal-attur, dan it-tibdil ma kienx sostanzjali u "*l-introjtu tal-appellant fi zmien il-kuntratt, fiz-zmien li intavola l-kawza u llum baqa' l-istess, dak ta' skala numru 11 u ghalhekk fl-ammont ta' madwar €19,275 fis-sena*" li skont il-konvenuta jippermetti lill-attur ikompli jhares l-obbligu tieghu tal-manteniment skont il-kuntratt. Tissottometti li l-introjtu mensili kien baqa' stabbli u kien biss l-introjtu addizzjonali tas-sahra li tbiddel. L-attur dan kien jafu fiz-zmien meta sar il-kuntratt ta' separazzjoni.

14. Barra minn hekk, il-konvenuta ssostni li l-introjtu ridott tal-attur ma kienx jaghmilha impossibbli ghalih li jkompli jhallas il-manteniment pattwit. Tallega li li l-attur jaghmel hafna kapricci ta' safar, inkluz safar lejn il-Kanada, l-Amerika, u Venezia f'Dicembru 2017. Tghid li meta jigi ridott l-intorjtu ta' persuna din l-ewwel ghandha taqta' l-kapricci taghha u mhux il-manteniment.

15. Rigward l-ezami tal-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti, il-konvenuta ticcita bran mill-kawza fl-ismijiet **Isabelle Borg et vs Robert Galea et**[32]:

> "Huwa appena necessarju illi tigi mfakkra l-gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti in materja fis-sens li hija ma tiddisturbax l-apprezzament li tkun ghamlet l-ewwel Qorti tal-provi migjuba quddiema jekk mhux ghal ragunijiet validi wara li din il-Qorti tkun ezaminat il-provi u l-ligi applikabbli u tikkonkludi illi l-ewwel Qorti ma setghetx legalment jew ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha".

*It-Tieni Aggravju*

16. Dan hu fis-sens li l-ewwel Qorti ghamlet konsiderazzjonijiet fuq suppozzizzjonijiet ta' fatt li ma jirrizultawx mill-provi. Hu jissenjala li mhux minnu li l-konvenuta kellha tohrog mid-dar matrimonjali li hija parafernali tieghu, izda l-kuntratt sar bil-mod li sar, billi li, anke l-konvenuta ghandha dar parafernali taghha fejn marret toqghod. Id-differenza hi li, filwaqt li l-

[32] App.C 3 Marzu 2011

proprjeta` tal-konvenuta hija mhallsa kollha, id-dar tieghu ghadha mghobbija bis-self bankarju.

17. Min-naha taghha l-konvenuta tghid li, apparti mill-fatt li z-zwieg falla minhabba adulterju da parti tal-attur, il-Qorti ghandha thares lejn l-interessi supremi tal-minuri u tikkonsidra li, tenut kont li l-minuri llum ghandha 13-il sena, il-bzonnijiet taghha fuq medda ta' 5 snin zdiedu u ghalhekk ma hemmx lok ghat-tnaqqis fil-manteniment taghha. Barra minn hekk gie pattwit bejn il-partijiet li l-manteniment ghandu jibqa' dovut anke jekk il-konvenuta ssib impjieg fuq bazi part-time u jieqaf fil-kaz li hi tghaddi ghal zwieg iehor.

*It-Tielet Aggravju*

18. Dan hu fis-sens li l-eccezzjoni ghall-principju *pacta sunt servanda* fil-kaz li l-partijiet ikunu waslu ghal separazzjoni konsenwali, li hi fis-sens li din l-Qorti tista' tordna revizjoni 'l isfel fil-hlas tal-manteniment unikament f'cirkostanzi gravi u serji u li ma jkunux jiddependu mill-volonta` ta' min ikun obbliga ruhhu li jhallas manteniment, ma ssibx applikazzjoni fil-kaz odjern stante li, minbarra li l-partijiet kienu ftiehmu dwar l-ammont tal-manteniment dovut lill-mara, huma ftiehmu wkoll li jista' jkun hemm lok ghar-revizjoni mill-qorti kompetenti kemm-il darba

jsehhu c-cirkostanzi indikati fl-istesss kuntratt, jigifieri ikun hemm bdil fic-cirkostanzi finanzjari tal-attur.

19. Min-naha taghha l-konvenuta tissottometti li mhux kull tibdil ghandu jwassal ghar-revizjoni tal-klawsola tal-manteniment imma biss jekk dan it-tibdil ikun dovut ghal cirkostanzi ta' natura gravi, eccezzjonali u indipendenti mill-volonta ta' min ghandu l-obbligu ihallas il-manteniment. Fi kliemha: "Din l-interpretazzjoni hija fondamentali biex issir gustizzja u jigu evitati kazijiet fejn il-Qorti jkollha tindaga biex tistabilixxi jekk l-intenzjoni tal-partijiet kinitx tirreferi ghal bidla zghira, sinifikanti jew ta' xorta ohra". Tissenjala li interpretazzjoni differenti minn dik twassal ghal abbuz da parti ta' min obbliga ruhu li jhallas il-manteniment li f'kaz ta' kull tibdil jinvoka lill-qrati sabiex jirrevedu l-*quantum* tal-manteniment; dan il-kaz tal-manteniment dovut ghall-minuri jmur kontra l-interessi taghha ghax tigi privata mill-istabbilita` finanzjarja illi l-genituri ghandhom jipprovdu.

Konsiderazzjonijiet tal-Qorti

20. Peress li l-aggravji huma konnessi ser jigu trattati flimkien u *seriatim.*

21. Dwar l-ewwel aggravju din il-Qorti tosserva li mhu minnu xejn li l-ewwel Qorti injorat l-import legali tal-klawsola numru 6, anzi mis-sentenza appellata jirrizulta manifest li dik il-Qorti ghamlet konsiderazzjonijiet dettaljati fir-rigward, ghalkemm bazati fuq konsiderazzjonijiet guridici li din il-Qorti thoss li mhumiex applikabbli ghal kaz odjern. Ghalhekk dan l-aggravju mhuwiex gustifikat u qed jigi michud.

22. Dwar it-tieni aggravju din il-Qorti tosserva li l-fatt li l-konvenuta accettat fil-kuntratt ta' separazzjoni personali li hi, flimkien mat-tifla, tohorg mid-dar matrimonjali li hi parafernali tar-ragel m'ghandux jirriflettii b'mod negattiv fuq l-attur, lanqas fil-konsiderazzjonijiet taghha dwar il-bzonn tal-konvenuta, *multo magis* meta lanqas fir-risposta taghha ma gie kontrastat il-fatt allegat mill-attur li l-konvenuta tirrisjedi f'dar parafernali taghha minghajr dejn fuqha u inoltre l-konvenuta ma ghamlet ebda allegazzjoni li qed thallas kera fil-post fejn marret toqghod. Ghalhekk dan l-aggravju huwa gustifikat u qed jigi milqugh.

23. Dwar it-tielet aggravju din il-Qorti tosserva in tema legali li dak li jkunu ftiehemu l-kontraenti f'kuntratt ta' separazzjoni personali ghandu l-forza ta' ligi bejniethom u l-ftehim japplika fit-totalita` tieghu bejniethom, salv ghall-istipulazzjonijiet li jirrigwardaw il-minuri li jistghu jigu varjati mill-qorti kompetenti jekk l-interessi tal-minuri jkunu hekk jirrikjedu.

24. Fil-kaz odjern, il-Qorti ghandha quddiemha klawsola f'kuntratt ta' separazzjoni li tistipula l-manteniment dovut mill-attur llill-konvenuta ghaliha u ghat-tifla minuri, bint il-partijiet, u tistipula wkoll li f'certu cirkostanzi l-manteniment jista' jigi rivedut.

25. Il-principju *pacta sunt servanda* japplika ghall-klawsola numru 6 fl-intier taghha u ghalhekk, kemm ghall-fissazzjoni tal-manteniment dovut kemm ghar-revizjoni tieghu fil-kaz li tikkonkorri c-cirkostanza pattwita bejn il-partjiet stess. Ghalhekk mhux legalment korretta it-tezi li din l-ahhar cirkostanza ghandha titqies bhala l-eccezzjoni ghar-regola b'mod li ghandhu japplika l-istess kriterju li l-gurisprudenza identifikat bhala eccezzjoni li huwa applikabbli biss fejn jezistu cirkostanzi gravi, serji u indipendenti mill-volonta` ta' minn obbliga ruhu li jhallas il-manteniment; imma hu mholli fid-diskrezzjoni tal-qorti kompetenti li tiddeciedi dwar it-talba tar-revizjoni tal-*quantum* tal-manteniment dovut jekk din tkunx gustifikata jew le fic-cirkostanzi.

26. Mill-provi jirrizulta car u manifest li r-raguni ghaliex il-partijiet kienu ftiehmu espressament li ghandha issir revizjoni tal-*quantum* tal-manteniment dovut hu l-fatt provat li l-introjtu mis-sahra li jista' jaghmel l-attur necessarjament jista' jigi ridott minn zmien ghal zmien, skont l-esigenzi tal-korp. Fi kliem iehor, dak l-introjtu li kien qed jippercepixxi fiz-zmien il-kuntratt ma kienx garantit.

27. Ferm il-premess, ir-revizjoni li ghandha ssir mill-Qorti mhix ristretta ghal cirkostanzi gravi u serji imma *ex contractu* issir fuq talba tal-attur fil-kaz li jkun hemm bdil, f'dan il-kaz, 'l isfel fl-intorjtu tieghu anke jekk dan il-bdil ma jwassalx ghall-impossibbilita` tieghu li jesegwixxi l-obbligu kuntrattwali assunt minnu. Naturalment, tenut kont tal-principju li l-kuntratti ghandhom jigu esegwiti in *bona fidi*, biex it-talba tal-attur issir b'success ghandu jigi pprovat li r-riduzzjoni fl-introjtu tieghu, li jkun indipdendenti mill-volonta` tieghu, ser tikkagunalu hardship finanzjarju relevanti li, fi kliemu, il-bilanc ma jkunx jippermettilu li jghix hajja dicenti.

28. Ghalhekk l-ezami li ghandu jsir hu, jekk ir-riduzzjoni fis-sahra tal-attur minhabba li hu m'ghadux stazzjonat fejn kien fiz-zmien li sar il-kuntratt tas-separazzjoni kienx ser jghabbih b'piz finanzjarju qawwi li jmur oltre dak prospettat u miftiehem fil-kuntratt.

29. Mill-provi jirrizulta li l-introjtu nett tal-attur fis-sena 2016[33] kien ta' €15,953 jigifieri €1,329 li minnhom jhallas €663 manteniment b'hekk jibqghalu bilanc ta €666 jigifieri nofs il-paga, filwaqt li fiz-zmien li kien sar il-kuntratt fis-sena 2013 l-introjtu nett kien ta' €23,464 jigifieri €1,955 fix-xahar li meta minnhom ihallas il-manteniment ta' €663 jibqalu bilanc ta' €1,292 fix-xahar sabiex jghix bihom.

[33] L-ahhar sena li tirrizulta mill-provi

30. Ghalhekk ma hemmx dubju li l-bilanc li jibqghalu l-attur wara li jhallas il-manteniment dovut, mis-sena 2013 sas sena 2016 naqas minn €1,292 ghal €666 li minnhom terga' huwa jhallas nofs l-ispejjez tal-uniformijiet tat-tifla u nofs l-ispejjez edukattivi u medici straordinarji, filwaqt li c-children's allowance kollu jigi percepit mill-konvenuta. Ghalhekk jirrizulta car li l-bdil fil-mezzi finanzjarju tieghu gabet riduzzjoni qawwija fl-ammont mensili ta' flus li jibqghalu sabiex jghix; prattikament l-ammont gie ridott bin-nofs u dan indipendentement mill-volonta` tieghu.

31. Fil-fehma ta' din il-Qorti ghandu jkun car li din il-bidla fil-mezzi finanzjarji tal-attur iggib maghha dak kontemplat fil-klawsola numru 6 tal-kuntratt, jigifieri li l-ammont pattwit ghandu jkun rivedut mill-qorti kompetenti. Ghalhekk l-ezercizju li jehtigilha taghmel din il-Qorti huwa jekk, fid-dawl tal-bidla fis-sitwazzjoni finanzjarja, ghandux jigi ridott il-manteniment tal-attrici ghaliha jew ghat-tifla jew ghat-tnejn, u dan fid-dawl tal-bilanc kontemplat mil-ligi bejn il-mezzi ta' min hu obbligat ihallas il-manteniment u l-bzonn ta' min qed jircevih, ikkonsidrati fid-dawl tal-potenzjalita` taz-zewg partijiet li separatament jiggeneraw introjtu.

32. Din il-Qorti tosserva li skont in-numru tal-karta tal-identita` tal-partijiet dawn ghadhom madwar 45 sena u wkoll ma jirrizultax li hemm xi impedimenti qawwija sabiex il-partijiet jahdmu u jiggeneraw introjtu. Di

fatti l-attur baqa' jahdem minkejja li kien ghamel operazzjoni fir-rkobtu, filwaqt li l-konvenuta, minkejja li ghadha relattivament zghira, ma tahdimx barra mid-dar izda ghandha l-oneru tat-trobbija tat-tifla u tghix biss mill-manteniment li tippercepixxi minghand l-attur u c-children's allowance li tippercepixxi minghand l-Istat.

33. Fil-fehma ta' din il-Qorti, dejjem tenut kont ta' dak stipulat fil-klawsola 6 dwar il-bdil fil-mezzi finanzjarji tar-ragel, tenut kont li l-introjtu tieghu gie drastikament ridott, it-talba tal-attur ghall-varjazzjoni 'l isfel tal-manteniment ghall-konvenuta hija gustifikata u timmerita li tigi milqugha b'riduzzjoni ta' €50 kull erba' gimghat ghall-ewwel xaharejn dekorribbli mid-data ta' dan il-gudizzju, u wara l-iskadenza tax-xaharejn 'il quddiem ir-riduzzjoni tal-manteniment dovut ghall-konvenuta tkun ta' €100, biex b'hekk, wara l-iskadenza tax-xaharejn il-mantenimnt ghall-konvenuta jkun ta' €200 kull erba' gimghat.

34. Fic-cirkostanzi hija opportuna l-osservazzjoni li l-partijiet waslu ghal separazzjoni konsenswali fejn ma hemmx dikjarazzjoni ta' htija ta' xi parti u ghalhekk ladarba l-partijiet kienu accettaw li jisseparaw, huwa obbligu ta' kull parti li, minkejja l-hlas ta' manteniment, tahdem sabiex tiggenera introjtu li jservi ta' sostenn ghalih jew ghaliha. Fil-kaz odjern din il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex il-konvenuta m'ghandhiex tghin ruhha billi

ssib xoghol anke part-time u mhux tippretendi li tibqa' tigi mantnuta mill-attur tul hajjitha.

35. Finalment, dwar l-allegazzajonijiet maghmula mill-konvenuta tal-fatti li wasslu ghas-separazzjoni, din il-Qorti tissenjala li dak li sar qabel il-kuntratt ta' separazzjoni issa huwa sorpassat bil-ftehim li waslu ghalih il-partijiet tant li fil-kuntratt ma gietx attribwita htija lil xi parti, izda il-partijiet illimitaw ruhhom ghad-dikjarazzjoni li "il-hajja konjugali ta' bejniethom ma kinitx aktar possibbli minhabba ragunijiet gravi u ragunijiet ohra li huma sufficjenti fil-ligi ghall-otteniment ta' separazzjoni personali". Ghalhekk fatti li sehhew qabel il-kuntratt huma irrelevanti ghall-ezami tal-meritu tal-kawza odjerna.

36. Ghaldaqstant it-tieni u t-tielet aggravji huma gustifikati u qed jigu milqugha, filwaqt li l-ewwel aggravju qed jigi michud.

**Decide**

Ghar-ragunijiet premessi tiddeciedi billi tilqa' l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata u, minflok, tilqa' t-talbiet tal-attur limitatament billi tirriduci l-ammont tal-manteniment ghall-konvenuta ghal mitejn u hamsin euro [€250] kull erba' gimghat ghall-ewwel xahrejn dekorribbli mid-data ta' dan il-gudizzju, u wara l-iskadenza tax-xaharejn 'il quddiem ir-

riduzzjoni tal-manteniment dovut ghall-konvenuta tkun ta’ €100, biex b’hekk, wara l-iskadenza tax-xaharejn il-manteniment ghall-konvenuta jkun ta’ mitejn euro [€200] kull erba’ gimghat, u zzomm ferm il-manteniment dovut lit-tifla fl-ammont ta’ €350 kull erba’ gimghat, u l-attur huwa obbligat u ordnat li jhallas lill-konvenuta l-manteniment kif aggustat b’din is-sentenza.

L-ispejjez tal-ewwel istanza jkunu bla taxxa, filwaqt li dawk tal-appell ghandhom jinqassmu b’mod ugwali bejn il-partijiet.

| Giannino Caruana Demajo | Tonio Mallia | Noel Cuschieri |
|---|---|---|
| President | Imhallef | Imhallef |

Deputat Registratur
mb